REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1130/2009

tal-24 ta' Novembru 2009

li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-verifika tal-użu u/jew destinazzjoni ta' prodotti minn intervent

(verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43(f) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3002/92 tas-16 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-verifika tal-użu u/jew destinazzjoni ta' prodotti minn intervent [2] ġie emendat kemm-il darba [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tipprovdi għall-applikazzjoni ta' sistema ta' intervent.

(3) Xi prodotti mneħħija minn intervent jistgħu jkunu soġġetti għal użu u/jew destinazzjoni speċifika. Għandha titwaqqaf sistema ta' superviżjoni biex tassigura li prodotti bħal dawn ma jinbidlulhomx l-użu u/jew id-destinazzjoni tagħhom.

(4) F'dawk il-każijiet fejn żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom x'jaqsmu fis-superviżjoni, għandu japplika r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju [4].

(5) Għandhom ikunu maħtura awtoritajiet oħra, kif ukoll awtoritajiet tad-dwana li jkunu kompetenti li johorġu l-kopja ta' kontroll T5 u li jivverifikaw l-użu u/jew id-destinazzjoni ta' prodotti ta' intervent.

(6) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali ta' bejgħ minn ħażniet ta' intervent bi prezz imnaqqas u skemi komparabbli li jipprovdu għall-għoti ta' għajnuna, bmod partikolari rifużjonijiet tal-esportazzjoni, sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-operaturi fl-Istati Membri u sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru ta' vantaġġi ekonomiċi mogħtija meta ma kienux dovuti, huwa xieraq li jiġi pprovdut għall-ħlas ta' ammont ugwali għall-ammont tal-garanzija rilaxxata meta ma kienetx dovuta.

(7) Għal finijiet ta' simplifikazzjoni u effiċjenza, jixraq li jkun stipulat li l-kopja ta' kontroll T5, wara li jkunu saru l-kontrolli meħtieġa, għandha tintbagħat direttament lill-aġenzija li jkollha l-garanzija, u li meta żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom x'jaqsmu, il-kopji ta' kontroll T5 għandhom jintbagħtu direttament minn kull Stat Membru separat lill-aġenzija li jkollha l-garanzija.

(8) Jidher li hija ħaġa mixtieqa li, għas-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi, jkun hemm aktar flessibbiltà minn dik li hemm fil-kopja ta' kontroll fil-każ ta' esportazzjonijiet skont is-sistema msemmija fl-Artikoli 412 sa 442a, tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jipprovdi li, meta x-xogħol tal-ġarr jibda mill-Komunità u jintemm barra minnha, ma jkunx meħtieġ li jsiru formalitajiet fl-uffiċċju tad-dwana għall-istazzjon tal-fruntiera.

(9) F'ċerti każijiet, il-prodotti mill-interventi jinbiegħu bi prezz li jiġi kalkulat billi jitqies l-ammont tar-rifużjoni applikabbli għall-pajjiżi terzi jew għall-pajjiż terz partikolari. Għalhekk il-jedd għar-rifużjoni tal-esportazzjonui jiġi mnaqqqas mill-prezz tal-bejgħ.

(10) Biex jiġi żgurat li l-operazzjoni titlesta kif suppost, għandha tiġi depożitata garanzija. L-ammont ta' din il-garanzija jiġi kkalkulat billi jitqiesu d-diversi aspetti tal-operazzjoni kkonċernata, b'mod partikolari r-riskju li jkun hemm żvijar fil-kummerċ u l-konformità sħiħa mal-impenji li jkunu ngħataw mill-operaturi.

(11) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 301, 17.10.1992, p. 17.
[3] Ara l-Anness I.
[4] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għad-derogi speċifiċi msemmija fir-regoli tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu ma ċerti prodotti agrikoli, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-verifika tal-użu u/jew id-destinazzjoni ta' prodotti mneħħija mill-istokk ta' intervent skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, meta dawn il-prodotti jkunu soġġetti għal użu u/jew destinazzjoni speċifiku.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "dispaċċ" tfisser il-konsenja ta' prodotti minn Stat Membru wieħed għall-ieħor u "esportazzjoni" tfisser il-konsenja ta' prodotti minn Stat Membru għal destinazzjoni barra mit-territorju tad-dwana tal-Komunità.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni Ekonomika Belga-Lussemburga (UEBL) għandha titqies bħala Stat Membru wieħed.

Artikolu 2

1. Minn meta jitneħħew mill-istokk ta' intervent sa meta ssir il-verifika tal-użu u/jew id-destinazzjoni indikata, il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għal kontroll, inklużi kontrolli fiżiċi, eżami ta' dokumenti u verifika tal-kontijiet, mill-korpi ta' kontroll maħtura, minn hawn il quddiem imsejħa "l-awtorità ta' kontroll kompetenti".

Sabiex tkun evitata kull diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-oriġini tal-prodotti, kull Stat Membru għandu jaħtar, għal kull miżura speċifika jew parti minnha, korp wieħed ta' kontroll għall-verifika tal-użu u/jew destinazzjoni tal-prodotti rilevanti, mingħajr ma jitqies l-oriġini tagħhom (Komunitarju jew Nazzjonali).

2. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li l-kontroll imsemmi fil-paragrafu 1 jitwettaq u li l-prodotti ta' intervent ma jinbidlux ma prodotti oħra.

Dawn il-miżuri għandhom b'mod partikolari jistipulaw illi:

(a) ditti li jkollhom x'jaqsmu ma prodotti ta' intervent jew prodotti pproċessati ta' intervent billi, per eżempju, jixtru, jbiegħu, jaħżnu, iġorru bl-art jew bil-baħar, jippakkjaw mill-ġdid, jaħdmu jew jipproċċessaw, għandhom joqogħdu għal kull miżura ta' spezzjoni jew superviżjoni meqjusa bħala meħtieġa u jżommu reġistri li jista jgħin lill-awtoritajiet biex jagħmlu kull kontroll li huma jqisu meħtieġ;

(b) il-prodotti msemmija f'punt (a) għandhom jinħażnu u jinġarru separatament minn prodotti oħra b'mod li jistgħu jkunu identifikati.

Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu.

3. Il-proċedura tal-kopja ta' kontroll T5 imsemmija fl-Artikolu 912a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, għandha tapplika meta l-kontroll imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jsir kollu jew parti minnu:

(a) fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih il-prodotti tneħħew mill-istokk ta' intervent;

jew

(b) fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun ġiet depożitata l-garanzija.

Il-kopja ta' kontroll T5 għandha tinħareġ u tintuża skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

4. Fejn l-aġenżija ta' intervent tal-bejgħ, skont l-Artikolu 3(1) ma toħroġx kopja ta' kontroll T5, hija għandha tagħti ordni ta' tneħħija. Stati Membri jistgħu jippermettu l-ħruġ ta' estratti ta' ordni ta' tneħħija.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "aġenzija ta' intervent" u "aġenzija" ser iffissru t-tnejn aġenzija ta' ħlas jew aġenzija ta' intervent.

L-ordni ta' tneħħija jew estratt għandhom ikunu ppreżentati lill-awtorità ta' kontroll kompetenti mill-persuna konċernata.

Artikolu 3

1. Il-kopja ta' kontroll T5 msemmija fl-Artikolu 2(3) għandha tinħareġ mill-:

(a) aġenzija ta' intervent tal-bejgħ fejn prodotti ta' intervent jintbagħtu lil Stat Membru ieħor fl-istess stat li fih tneħħew mill-istokk ta' intervent, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-istat mhux maħdum";

jew

(b) l-awtorità ta' kontroll kompetenti, minn fejn prodotti ta' intervent jintbagħtu lil Stat Membru ieħor wara li jkunu pproċessati;

jew

(c) l-uffiċċju tad-dwana ta' tluq:

(i) meta tinġieb ordni ta' tneħħija, maħruġa mill-aġenzija ta' intervent, fejn prodotti ta' intervent ikunu esportati fl-istat mhux maħdum u li jkollhom jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;

(ii) meta jinġieb dokument ta' kontroll, maħruġ mill-awtorità ta' kontroll kompetenti li juri li l-ipproċessar ikun sar taħt kontroll, fejn prodotti ta' intervent jiġu esportati wara li jkunu ġew ipproċessati u li jkollhom jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

Meta skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, prodotti jinħażnu fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih ikun hemm l-aġenzija ta' intervent tal-bejgħ, l-aġenzija ta' intervent tal-bejgħ għandha toħroġ il-kopja ta' kontroll T5 jew tara li din tinħareġ taħt ir-responsabbiltà tagħha.

Stati Membri jistgħu:

(a) jippermettu li l-kopja ta' kontroll T 5 tinħareġ minn awtorità maħtura għal dak il-għan minflok mill-aġenzija tal-bejgħ;

(b) jiddeċiedu li min ikun awtorizzat li jkollu stokk ta' prodotti ta' intervent ikun jista joħroġ kopja ta' kontroll T5 taħt ir-responsabbiltà tal-aġenzija ta' intervent. Għandha tingħata awtorizzazzjoni lil min ikollu stokk skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 912 g tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 *mutatis mutandis*.

F'dawn il-każijiet, il-ħruġ għandu jkun soġġett għal preżentazzjoni ta' ordni ta' tneħħija.

2. L-ordni ta' tneħħija u d-dokument ta' kontroll kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkollhom numru tas-serje u għandu jagħti:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti, liema deskrizzjoni ssir bil-mod stabbilit biex timtela l-kaxxa 31 tal-kopja ta' kontroll T5 msemmija fl-Artikolu 2(3), u fejn jixraq, kull informazzjoni oħra meħtieġa għall-finijiet ta' kontroll;

(b) in-numru u t-tip ta' pakketti, u l-marki u numri fuq dawn il-pakketti;

(c) il-piż gross u nett tal-prodotti;

(d) referenza għar-regolament applikabbli;

(e) l-informazzjoni li għandha tingħata fil-kaxex 104 u 106 tal-kopja ta' kontroll T5 inkluż in-numru tal-kuntratt ta' bejgħ ma l-aġenzija ta' intervent.

Id-dokument ta' kontroll għandu juri n-numru tal-kopja ta' kontroll T5 jew tal-ordni ta' tneħħija ta' qabel.

L-ordni ta' tneħħija u d-dokument ta' kontroll għandhom jinżammu mill-uffiċċju ta' tluq.

3. Il-persuna kkonċernata għandha tipprovdi l-oriġinal u żewġ kopjital-kopja ta' kontroll T5. L-awtorità li toħroġ il-kopja ta' kontroll T5 għandha tibgħat kopja, għall-informazzjoni, lill-aġenzija fejn tkun ġiet depożitata l-garanzija, skont l-Artikolu 5, u għandha żżomm kopja.

4. Il-kopja ta' kontroll T5 oriġinali għandha tintbagħat lura lill-persuna konċernata, jew lir-rappreżentant tagħha, li għandha tippreżentaha lill-awtorità ta' kontroll kompetenti fl-Istat Membru ta' użu u/jew ta' destinazzjoni.

5. L-oriġinal tal-kopja ta' kontroll T5, wara li tkun ġiet debitament awtorizzata mill-awtorità ta' kontroll kompetenti fl-Istat Membru ta' użu u/jew ta' destinazzjoni, għandha tintbagħat lura direttament lill-aġenzija li jkollha l-garanzija msemmija fl-Artikolu 5.

L-isem u l-indirizz sħaħ tal-aġenzija li jkollha l-garanzija għandhom jiddaħħlu fil-kaxxa B tal-kopja ta' kontroll T5 mill-persuna konċernata.

6. Fejn uħud biss mill-prodotti msemmija fil-kopja ta' kontroll T5 ikunu kkonformaw mad-dispożizzjonijiet preskritti, l-awtorità kompetenti għandha tindika l-kwantita' ta' prodotti li kienu konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet fit-taqsima tal-kopja ta' kontroll T5 bl-isem "Kontroll ta' użu u/jew ta' destinazzjoni", kif ukoll id-data jew dati li fihom tkun saret l-operazzjoni.

Artikolu 4

Prova li l-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll imsemmi fl-Artikolu 2(1) ġew imħarsa għandha tingħata kif ser jingħad:

(a) għal prodotti li dwarhom it-tneħħija mill-istokk ta' intervent u użu u/jew destinazzjoni jkunu ġew ivverifikati mill-awtorità ta' Stat Membru wieħed, permezz tal-preżentazzjoni ta' dokumenti speċifikati minn dak l-Istat Membru;

(b) għal prodotti li dwarhom l-użu u/jew destinazzjoni jkunu ġew ivverifikati mill-awtoritajiet fi Stat Membru wieħed jew aktar li ma jkunux dawk li fihom tkun saret it-tneħħija mill-istokk ta' intervent, permezz tal-kopji ta' kontroll T5 kollha maħruġa għal kontroll tal-użu u/jew destinazzjoni, iċċertifikati u ffirmati kif imiss mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti;

(c) għal prodotti li dwarhom l-użu u/jew destinazzjoni ġew ivverifikati mill-awtoritajiet fiż-żewġ Stati Membri fejn saret it-tneħħija mill-istokk ta' intervent u fi Stat Membru wieħed ieħor jew aktar, permezz tad-dokumenti msemmija f'punt (a) u (b);

(d) għal prodotti li dwarhom il-formalitajiet ta' esportazzjoni u tluq mit-territorju tad-dwana tal-Komunità seħħew fl-Istat Membru fejn sar l-ipproċessar finali u fejn kienet depożitata l-garanzija, permezz tad-dokument jew dokumenti, stabbiliti minn dak l-Istat Membru bħala prova ta' esportazzjoni u permezz tad-dokumenti msemmija f'punt (a) u/jew (b), jekk dawn ikopru l-ipproċessar.

Artikolu 5

1. Fejn hemm bżonn ta' garanzija sabiex tiggarantixxi l-użu u/jew destinazzjoni sewwa tal-prodotti li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1, il-garanzija għandha tkun depożitata qabel ma jittieħdu l-prodotti. Din il-garanzija għandha tkun depożitata:

(a) fil-każ ta' prodotti li jridu jkunu pproċċessati jew li jridu jkunu pproċċessati u esportati, ma l-aġenzija ta' intervent tal-Istat Membru fejn ikun ser isir jew jibda l-ipproċċessar,

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, ma l-aġenzija ta' intervent ta' bejgħ.

2. Meta garanzija tkun depożitata ma' aġenzija ta' intervent ta' Stat Membru li ma jkunx dak fejn tkun tinsab l-aġenzija ta' intervent ta' bejgħ, dik tal-ewwel għandha immedjatament tibgħat komunikazzjoni bil-miktub lill-aġenzija ta' intervent ta' bejgħ, li turi:

(a) in-numru tar-Regolament rilevanti;

(b) id-data u/jew numru tal-offerta/bejgħ;

(c) in-numru tal-kuntratt;

(d) l-isem tax-xerrej;

(e) l-ammont tal-garanzija f'euros;

(f) il-prodott;

(g) il-kwantità ta' prodotti;

(h) id-data tad-depożitu tal-garanzija;

(i) l-użu u/jew destinazzjoni (kif japplika).

L-aġenzija ta' intervent ta' bejgħ għandha teżamina d-dejta tal-garanzija.

Artikolu 6

1. Fejn, wara r-rilaxx tal-garanzija kollha jew parti minnha msemmija fl-Artikolu 5, ikun stabbilit li l-prodotti kollha jew parti minnhom ma laħqux l-użu preskritt u/jew id-destinazzjoni tagħhom, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-garanzija tkun ġiet rilaxxata għandha titlob, b'konformita ma l-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 [1], li l-operatur ikkonċernat iħallas ammont ugwali għall-ammont tal-garanzija li kien jintilef li kieku n-nuqqas tqies qabel ir-rilaxx tal-garanzija. Dan l-ammont għandu jiżdied permezz ta' imgħax ikkalkulat mid-data tar-rilaxx sal-jum ta' qabel id-data tal-pagament.

Ir-riċeviment mill-awtorità kompetenti tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jikkostitwixxi l-irkupru tal-vantaġġ ekonomiku mhux dovut li jkun ingħata.

2. Il-ħlas għandu jsir fi żmien 30 jum mill-jum li fih tkun riċevuta t-talba għall-ħlas.

Filwaqt li l-limitu ta' żmien għall-ħlas ma jkunx osservat, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, minflok ħlas, l-ammont li għandu jiġi riċevut jiġi mnaqqas mill-ħlasijiet sussegwenti lill-operatur interessat.

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

3. Ir-rata tal-imgħax għandha tiġi kkalkulata skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali iżda m'għandhiex tkun inqas mir-rata applikabbli għall-irkupru ta' ammonti nazzjonali.

M'għandux jinżamm l-ebda imgħax, jew l-aktar, ammont li għandu jkun stabbilit mill-Istat Membru li jikkorrispondi mal-qligħ mhux dovut biss, jekk ir-rilaxx tal-garanzija kien żball tal-awtorità kompetenti.

4. L-Istati Membri jistgħu iżommu lura milli jitolbu l-ħlas imsemmi fil-paragrafu 1 meta l-ammont ma jaqbiżx EUR 60, sakemm, taħt il-liġi nazzjonali, dawk il-każijiet ikunu koperti minn regoli simili.

5. Is-somom irkuprati b'konformita ma' paragrafu 1 għandhom jingħataw lill-aġenzija ta' ħlas u jiġu rreġistrati fil-kontijiet minn dik l-aġenzija bħala dħul assenjat lill- Fond ta' Garanzija Agrikolu Ewropew (FGAE) fix-xahar meta l-flus ikunu effettivament waslu.

Artikolu 7

1. Fejn id-dispożizzjonijiet preskritti dwar l-użu u/jew destinazzjoni ma jkunux jistgħu jiġu mħarsa minħabba forza maġġuri, l-awtorità tal-Istat Membru fejn tkun ġiet depożitata l-garanzija jew, jekk ma tkunx ġiet depożitata garanzija, l-awtorità fl-Istat Membru fejn tkun saret it-tneħħija mill-istokk ta' intervent għandha, fuq talba tal-persuna kkonċernata, tiddeċiedi:

(a) li l-għeluq taż-żmien preskritt għall-operazzjoni għandu jittawwal għal dak il-perjodu li jitqies meħtieġ minħabba ċ-ċirkostanzi mqanqla;

jew

(b) jekk il-prodotti jkunu intilfu għal kollox, dak il-kontroll għandu jitqies daqs li kieku sar.

Iżda, f'dawk il-każijiet ta' forza maġġuri fejn il-miżuri msemmija f'punt (a) u (b) ma jkunux adattati, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni, li tista' tipprovdi għall-miżuri meħtieġa skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir fi żmien 30 jum minn dakinhar li l-persuna konċernata tkun irċeviet informazzjoni dwar ċirkostanzi li aktarx jindikaw każ ta' forza maġġuri, iżda fil-perjodu stabbilit fir-Regolament speċifiku għall-preżentazzjoni tax-xhieda meħtieġa biex tinħeles il-garanzija.

3. Il-persuna konċernata għandha taghti prova taċ-ċirkostanzi indikati bħala li jikkostitwixxu forza maġġuri.

KAPITOLU II

PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAL UŻU PRESKRITT JEW DESTINAZZJONI SPEĊIFIKA FIL-KOMUNITÀ

Artikolu 8

1. Prodotti għandhom jitqiesu li kkonformaw mal-użu u/jew destinazzjoni preskritti meta jkun stabbilit li:

(a) dwar prodotti li jridu jkunu pproċessati u/jew biex prodotti oħra jkunu inkorporati fihom, dawn iż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet, minn hawn il quddiem imsejjħa "ipproċessar", ikunu ġew ipproċessati;

(b) dwar prodotti għall-bejgħ għal konsum dirett bħala prodotti konċentrati, li jkunu ġew ikkonċentrati, ippakkjati għall-bejgħ bl-imnut u meħudha fil-bejgħ bl-imnut;

(c) dwar prodotti għall-konsum minn ċerti istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet jew mill-armata jew forzi simili, li jkunu ġew konsenjati lilhom u li huma jkunu ħadu;

u, fejn jixraq, li l-operazzjonijiet imsemmija f'punt (a), (b) u (c) ikunu twettqu fil-perjodu preskritt.

2. Il-ħtiġijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) għandhom jikkostitwixxu kondizzjonijiet primarji skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [1].

Artikolu 9

1. Fejn tintuża l-kopja ta' kontroll T5, il-kaxex 103, 104, 106 u 107 ta' dik il-parti msejħa "Informazzjoni Addizzjonali" għandhom jimtlew.

Kaxex 104 u 106 għandhom juru li jkunu ġew awtorizzati skont kif imsemmi fir-regolament relevanti.

[1] ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

Kaxxa 106 għandha turi wkoll in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma l-aġenzija ta' intervent u, fejn hu xieraq, in-numru tal-ordni ta' tneħħija.

Kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament relevanti.

2. Meta prodotti jintbagħtu fi Stat Membru terz, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

3. Fejn żewġ operazzjonijiet jew aktar isiru wara xulxin fl-istess Stat Membru, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 10

Ir-rilaxx tal-garanzija għandu jkun soġġett għall-preżentazzjoni tal-prova msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 11

Meta kopja ta' kontroll T5 ma tasalx għand l-aġenzija msemmija fl-Artikolu 3(5) fi żmien tliet xhur:

(a) mill-għeluq tal-perjodu stabbilit biex titlesta l-operazzjoni in kwistjoni;

jew

(b) mill-ħruġ tagħha, meta dan il-perjodu ma jkunx stabbilit;

minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-parti kkonċernata, din tal-aħħar tista' tapplika lill-awtoritajiet kompetenti biex jintlaqgħu dokumenti oħra bħala ekwivalenti, waqt li turi r-raġuni għal din l-applikazzjoni u ġġib id-dokumenti li jsostnuha. Dawn id-dokumenti ta' sostenn għandhom jagħmlu riferenza għall-kopja ta' kontroll T5 u jkollhom konferma mill-awtorità ta' kontroll kompetenti li vverifikat l-użu tal-prodotti, jew qabbdet lil min jivverifikahom, li l-użu speċifikat kien imħares u d-data li fiha l-prodotti rċevew l-użu u/jew destinazzjoni.

KAPITOLU III

PRODOTTI ESPORTATI MILL-KOMUNITÀ FI STAT MHUX MAĦDUM

Artikolu 12

1. Prodotti għandhom jitqiesu li kkonformaw mad-destinazzjoni preskritta meta jkun stabbilit li:

(a) jkunu ħarġu mit-territorju tad-dwana tal-Komunità fi stat mhux maħdum; għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-tqassim ta' kull prodott maħsuba biss għall-konsum abbord pjattaformi ta' tħaffir jew ta' estrazzjoni, inklużi postijiet ta' xogħol li jagħtu servizzi ta' appoġġ għal dawn ix-xogħlijiet, li jkunu jinsabu fiż-żona tal-pjattaforma kontinentali Ewropea, jew fiż-żona tal-pjattaforma kontinentali tal-parti mhux Ewropea tal-Komunità, iżda tlett mili 'l barra miż-żona ta' li jibdew mill-linja bażi wżata biex ikun ddeterminat id-daqs tal-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru, għandha titqies li ħarġet mit-territorju tad-dwana tal-Komunità;

jew

(b) fil-każ imsemmi fl-Artikolu 33 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 [1], ikunu waslu fid-destinazzjoni tagħhom;

jew

(c) tqiegħdu f'maħżen tal-ikel approvat skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 612/2009;

jew

(d) inħelsu mid-dwana biex jinħarġu għall-konsum f'pajjiż terz speċifiku fejn prodotti għandhom ikunu importati f'dak il-pajjiż speċifiku;

u, fejn jixraq, li l-operazzjonijiet msemmija f'punt (a) sa (d) ikunu saru fil-perjodu preskritt.

2. Il-ħtiġiet stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 għandhom jikkostitwixxu l-ħtiġiet primarji fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(2) ta' dan ir-Regolament.

3. Fejn prodotti jkunu tqiegħdu f'maħżen tal-ikel kif imsemmi fil-paragrafu 1(c), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 37 sa 40 tar-Regolament (KE) Nru 612/2009, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 39(3) ukoll jekk l-ebda rifużjoni ma tkun applikabbli.

4. Id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 għandhom japplikaw.

[1] ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1.

Artikolu 13

1. Fejn prodotti ta' intervent ikunu għall-esportazzjoni fi stat mhux maħdum, l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dwana tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni għandha ssir fl-Istat Membru fejn il-prodotti tneħħew mill-istokk.

2. Id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, flimkien ma kull dokument meħtieġ skont il-liġijiet tal-Komunità għandhom, kif jixraq, juru meta ddaħħlu:

(a) "Prodotti ta' intervent b'rifużjoni — Regolament (KE) Nru 1130/2009";

jew

(b) "Prodotti ta' intervent mingħajr rifużjoni — Regolament (KE) Nru 1130/2009".

3. Ukoll fejn l-ebda rifużjoni ma tkun applikabbli għal prodotti għall-esportazzjoni, malli tkun aċċettata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni rilevanti, huma għandhom jitqiesu li ma jkunux aktar milqutin mill-Artikolu 23(2) tat-Trattat u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 340c(3)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandhom japplikaw għall-moviment tagħhom.

4. Il-kondizzjonijiet dwar il-perjodu ta' żmien li għandu jitħares sabiex tingħata rifużjoni u l-prova li għandha tingħieb għal dan il-għan huma applikabbli sa fejn għandu x'jaqsam mar-rilaxx tal-garanzija.

Artikolu 14

1. Fejn tintuża l-kopja ta' kontroll T5, il-kaxex 103, 104, 106 u 107 u fejn jixraq, 105 ta' dik il-parti msejħa "Informazzjoni Addizzjonali" għandhom jimtlew.

Kaxex 104 u 106 għandhom juru l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fir-regolament rilevanti.

Il-kaxxa 106 għandha turi wkoll:

(a) in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma l-aġenzija ta' intervent;

u

(b) in-numru tal-ordni ta' tneħħija.

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament rilevanti.

2. Fejn il-kopja ta' kontroll T5 li li turi li l-esportazzjoni tal-prodotti tintalab għar-rilaxx tal-garanzija msemmija fl-Artikolu 5 u għall-ħlas tar-rifużjoni, l-awtorità kompetenti li jkollha l-garanzija għandha tibgħat immedjatament kopja tal-kopja ta' kontroll T5, ċertifikata bħala kopja vera, direttament lill-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni.

F'dak il-każ, il-persuna kkonċernata għandha timla l-kaxxa 106 tal-kopja ta' kontroll T5 kif ġej:

"Rifużjoni titħallas minn… (u turi l-isem u l-indirizz sħaħ tal-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni)".

3. Fejn konformita' mal-perjodu ta' żmien ta' 12-il xahar għall-prova ta' esportazzjoni għall-ħlas ta' rifużjoni skont l-Artikolu 46(2) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 ma tkunx possibbli minħabba dewmien amministrattiv biex l-aġenzija li jkollha l-garanzija tibgħat il-kopja ta' kontroll T5 lill-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni, id-data meta l-aġenzija tal-garanzija tirċevieha għandha titqies ukoll bħala d-data ta' meta l-awtorità tar-rifużjoni tkun irċevietha.

Artikolu 15

1. Meta, malli tkun aċċettata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mid-dwana, prodotti li jkunu tqiegħdu taħt waħda mill-proċeduri msemmija fl-Artikoli 412 sa 442a, tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għal ġarr għal stazzjon ta' destinazzjoni jew għal tqassim lil kunsinnatarju barra mit-territorju tad-dwana tal-Komunità, għandhom jitqiesu li kienu esportati malli tqiegħdu taħt dik il-proċedura.

2. Meta japplika l-paragrafu 1, l-uffiċċju tad-dwana tat-tluq li jaċċetta d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni għandu jassigura li waħda mill-awtorizzazzjonijiet indikati, kif jixraq, fl-Artikolu 11(4) jew (5) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009, tiddaħħal fid-dokument maħruġ bħala prova ta' esportazzjoni.

3. L-uffiċċju tad-dwana tat-tluq jista' jippermetti li l-kuntratt ta' ġarr ikun varjat sabiex il-ġarr jintemm fil-Komunità biss meta jkun stabbilit li jew:

(a) jekk tkun ingħatat garanzija lill-aġenzija ta' intervent sabiex ikun assigurat li l-esportazzjoni ssir, ma jkunx hemm rilaxx ta' din il-garanzija,

jew

(b) ngħatat garanzija ġdida.

Iżda, jekk ikun hemm rilaxx tal-garanzija skont il-paragrafu 1 u l-prodott ma jkunx fil-fatt inħareġ mit-territorju tad-dwana tal-Komunità fil-perjodu mogħti, l-uffiċċju tad-dwana tat-tluq għandu jinforma lill-aġenzija responsabbli mir-rilaxx tal-garanzija u għandu jipprovdiha malajr kemm jista jkun bil-partikolaritajiet kollha meħtieġa. F'dawn il-każijiet ir-rilaxx għandu jitqies li jkun sar bi żball u għandu jkun irkuprat ammont ekwivalenti.

Artikolu 16

1. Ir-rilaxx tal-garanzija għandu jsir bil-kondizzjoni li tinġieb il-prova msemmija fl-Artikolu 4.

Minbarra dan, ir-rilaxx tal-garanzija għandu jsir bil-kondizzjoni li tinġieb il-prova kif speċifikat fl-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 612/2009:

(a) fejn il-prodotti jkunu sa jiġu importati minn pajjiż terz speċifiku; jew

(b) fejn, f'każi fejn il-prodotti jkunu ser jiġu esportati mill-Komunità, ikunu jeżistu dubji serji dwar id-destinazzjoni vera.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jitolbu prova addizzjonali sodisfaċenti li l-prodotti jkunu verament tqiegħdu fis-suq tal-pajjiż terz li jkun qed jimporta.

Fejn ikun hemm dubji serji dwar id-destinazzjoni vera tal-prodotti, il-Kummissjoni tista' titlob li l-Istati Membri japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.

2. Fejn il-prodott ikun sa jiġi importat f'pajjiż terz speċifiku u fejn l-ammont tar-rifużjoni jkun ġie mnaqqas mill-prezz tal-bejgħ u l-prova relevanti msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx ingħatat:

(a) parti mill-garanzja għandha tiġi rilaxxata malli tiġi ppreżentata l-prova li l-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità; l-ammont rilaxxat għandu jkun ugwali għall-anqas rifużjoni determinat skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 li jkun applikabbli fil-jum li fih id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tkun ġiet aċċettata;

(b) b'żieda mal-ammont imsemmi taħt f'punt (a), dik il-parti tal-garanzija li tkun tikkorrispondi mad-differenza bejn ir-rimborż l-aktar baxx imsemmi fil-punt (a) u l-ammont tar-rifużjoni applikabbli fil-jum li fih id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni lill-pajjiż terz tkun ġiet aċċettata, sakemm dan l-ammont ma jaqbiżx l-ammont tar-rifużjoni applikabbli għad-destinazzjoni obbligatorja, din għandha tiġi rilaxxata fejn

(i) l-esportazzjoni lejn il-pajjiż terz imsemmi hawn fuq ma tkunx setgħet issir minħabba każ ta' forza maġġuri u

(ii) il-prova tal-importazzjoni fil-pajjiż tad-destinazzjoni l-ieħor tkun tressqet konformi mal-paragrafu 1.

Artikolu 17

1. Fejn l-Artikoli 186 u 187 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [1] japplikaw:

(a) il-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament għandha tintilef jekk ma tkunx għadha ġiet rilaxxata;

(b) għandu jkun irkuprat ammont ekwivalenti għall-garanzija jekk din tal-aħħar tkun diġa ġiet rilaxxata.

2. Fejn prodotti li għalihom saret il-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(1) jinħarġu mit-territorju tad-dwana tal-Komunità u l-formalitajiet sabiex tingħata rifużjoni ma jkunux intemmu, dawn il-formalitajiet għandhom, għall-finijiet tal-Artikoli 185, 186 u 187 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, jitqiesu mitmuma u l-paragrafu 1 għandu japplika.

3. L-ammont ta' garanzija li għalih hemm referenza fil-paragrafi 1 u 2 għandu jitqies bħala garanzija mitlufa skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78 [2].

4. Il-persuna kkonċernata għandha tagħti prova lill-awtorità kompetenti, permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-aġenzija ta' intervent konċernata, li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ġew osservati u li ma ngħatat ebda garanzija.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU L 50, 22.2.1978, p. 1.

Artikolu 18

Fejn kopja ta' kontroll T5, maħsuba bħala prova li l-prodotti kienu konformi mad-destinazzjoni preskritta msemmija fl-Artikolu 12(1) ma tkunx waslet għand l-aġenzija msemmija fl-Artikolu 3(5) fi żmien tlett xhur mill-ħruġ tagħha minħabba ċirkostanzi li l-parti konċernata ma kellhiex kontroll fuqhom, din tal-aħħar tista', bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46(3) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009, tibgħat talba motivata li dokumenti oħra jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti lill-awtorita' kompetenti.

KAPITOLU IV

PRODOTTI ESPORTATI MILL-KOMUNITÀ WARA L-IPPROĊĊESSAR

Artikolu 19

Prodotti għandhom jitqiesu li kienu konformi mal-użu u destinazzjoni preskritti meta jkun stabbilit li ġew sodisfatti l-ħtiġiet tal-Artikoli 8 u 12.

Artikolu 20

Fejn prodotti għandhom ikunu esportati wara l-ipproċessar, l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dwana tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni għandha sseħħ fl-Istat Membru fejn iseħħ l-ipproċessar finali.

Artikolu 21

1. Fejn prodotti għandhom jintbagħtu għal ipproċessar fi stat mhux maħdum biex wara jkunu esportati, għandha tinħareġ il-kopja ta' kontroll T5 mill-aġenzija ta' intervent li tbiegħ u għandhom jimtlew il-kaxex 103, 104, 106 u 107 tal-parti msejħa "Informazzjoni Addizzjonali".

Il-kaxex 104 u 106 għandhom juru l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fir-regolament rilevanti.

Il-kaxxa 106 għandha turi wkoll:

(a) in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma l-aġenzija ta' intervent;

(b) fejn japplika, in-numru tal-ordni ta' tneħħija; u

(c) l-awtorizzazzjoni "Prodotti minn intervent li għandhom jitqiegħdu, mal-esportazzjoni taħt il-proċedura Komunitarja ta' passaġġ estern".

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament rilevanti.

2. Fejn prodotti għandhom jintbagħtu wara ppproċessar fl-Istat Membru fejn seħħet it-tneħħija mill-istokk ta' intervent, għal aktar ipproċessar biex wara jkunu esportati, il-kopja ta' kontroll T5 għandha tinħareġ mill-awtorità li tivverifika l-ipproċessar.

F'dik il-parti tal-kopja ta' kontroll T5 imsejħa "Informazzjoni Addizzjonali", il-kaxex 103, 104, 106 u 107 għandhom jimtlew.

Il-kaxex 104 u 106 għandhom juru l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fir-regolament rilevanti.

Il-kaxxa 106 għandha turi wkoll:

(a) in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ mal-aġenzija ta' intervent, u

(b) l-awtorizzazzjoni "Prodotti minn intervent li għandhom jitqiegħdu, mal-esportazzjoni, taħt il-proċedura Komunitarja ta' passaġġ estern."

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament rilevanti.

3. Fejn prodotti għandhom ikunu esportati wara ppproċessar u għandhom jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar, il-kopja ta' kontroll T5 għandha tinħareġ mill-uffiċċju tad-dwana ta' tluq fuq preżentazzjoni ta' dokument maħruġ mill-awtorità li tkun qed tivverifika l-ipproċessar. Dak id-dokument għandu jinżamm mill-uffiċċju ta' tluq tad-dwana.

Iżda, ma tkunx meħtieġa l-preżentazzjoni tad-dokument f'każijiet fejn l-uffiċċju ta' tluq tad-dwana jkun ivverifika l-ipproċessar rilevanti.

Fdik il-parti tal-kopja ta' kontroll T5 imsejħa "Informazzjoni Addizzjonali", il-kaxex 103, 104, 106 u 107 u, fejn japplika, 105 għandhom jimtlew.

Kaxex 104 u 106 għandhom juru l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fir-regolament rilevanti.

Kaxxa 106 għandha turi wkoll:

(a) in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma l-aġenzija ta' intervent, u

(b) fejn japplika, in-numru tad-dokument li għalih hemm referenza fl-ewwel subparagrafu.

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament rilevanti.

4. Fejn il-kopja ta' kontroll T5 li tagħti prova tal-esportazzjoni tal-merkanzija tintalab għar-rilaxx tal-garanzija li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 5 u għall-ħlas tar-rifużjoni, l-awtorità kompetenti li tkun qed iżżomm il-garanzija għandha tibgħat immedjatament kopja tal-kopja ta' kontroll T5, ċertifikata bħala kopja vera, direttament lill-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni.

Fdak il-każ il-persuna kkonċernata għandha tniżżel dan li ġej fil-kaxxa 106 tal-kopja ta' kontroll T5:

"Rifużjoni għandha titħallas minn… (b'indikazzjoni tal-Istat Membru u l-isem u l-indirizz sħaħ tal-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni)."

Artikolu 22

1. Fejn prodotti ntbagħtu lejn Stat Membru ieħor għal ipproċċessar u l-prodotti pproċċessati:

(a) għandhom jintbagħtu lejn Stat Membru terz jew Stat Membru ieħor għal aktar ipproċċessar;

jew

(b) li għandhom jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru terż jew Stat Membru ieħor sabiex jiġu esportati;

L-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 21(2) u (3), skont kif jixraq, għandha toħroġ kopja ta' kontroll T5 waħda jew aktar.

Il-kopja jew kopji ta' kontroll T5 għandhom jimtlew:

(a) fejn japplika l-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, kif indikat fl-Artikolu 21(2)(b);

(b) fejn japplika l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, kif indikat fl-Artikolu 21(3)(b);

billi tintuża l-informazzjoni mogħtija fil-kopja ta' kontroll T5 oriġinali. Barra minn dan, fil-kaxxa 106 tal-kopja jew kopji ta' kontroll T5 għandu jiddaħħal in-numru ta' reġistrazzjoni u d-data tal-ħruġ tad-dokument ta' qabel u l-isem tal-awtorità li ħarġitu.

2. Fil-każ li għalih hemm referenza fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti li vverifikat l-operazzjoni, għandha, wara l-awtorizzazzjoni xierqa, tibgħat lura mill-ewwel il-kopja ta' kontroll T5 oriġinali direttament lill-aġenzija li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 3(5) u għandha tindika fuq il-kopja ta' kontroll T5 oriġinali fil-kaxxa msejħa "Kontroll tal-użu u/jew destinazzjoni", li l-prodott intbagħat lejn Stat Membru ieħor għal aktar ipproċessat, ippakkjar, biex jinżamm jew ikun esportat. Il-kopja ta' kontroll T5 oriġinali għandha turi n-numru jew numri ta' reġistrazzjoni, jew referenza, għal kopji ta' kontroll T5 maħruġa għal dak il-għan.

3. Id-dokument li għalih hemm referenza fl-Artikolu 4(a) għandu jkun fih awtorizzazzjonijiet bħal dawk li għalihom hemm stabbilit fil-paragrafu 2.

Artikolu 23

1. Fejn ikun hemm żewġ operazzjonijiet jew aktar, minbarra esportazzjoni, (bħal ipproċessar, ippakkjar, teħid) li jseħħu waħda wara l-oħra fl-istess Stat Membru, dan l-Istat Membru jista jiddeċiedi li dawn l-operazzjonijiet jitqiesu bħala operazzjoni waħda. F'dan il-każ, m'għandhiex tinħareġ kopja oħra ta' kontroll T 5 sakemm ma jkunux twettqu l-operazzjonijiet kollha involuti.

Il-kopja ta' kontroll T5 oriġinali għandha tintbagħat lura lill-aġenzija li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 3(5) wara li jkunu saru l-kontrolli tal-operazzjonijiet kollha involuti. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jassiguraw li din is-sistema taħdem tajjeb.

2. Meta Stati Membri jiddeċiedu li ma jimxux skont il-proċedura li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha wara kull operazzjoni bħal din toħroġ kopja ta' kontroll T5. L-awtorità kompetenti li tkun ivverifikat l-operazzjoni għandha tindika fuq il-kopja ta' kontroll T5 oriġinali fil-kaxxa msejha "Kontroll tal-użu u/jew destinazzjoni", li l-prodott intbagħat fl-istess Stat Membru għal aktar ipproċċessar, ippakkjar, biex jinżamm jew ikun esportat. Il-kopja ta' kontroll T5 oriġinali għandha turi n-numru jew numri ta' reġistrazzjoni, jew referenza għal, kopji ta' kontroll T5 maħruġa għal dak il-għan.

3. Id-dokument li għalih hemm referenza fl-Artikolu 4(a) għandu jkun fih awtorizzazzjonijiet bħal dawk li għalihom hemm stabbilit fil-paragrafu 2.

Artikolu 24

L-Artikolu 11, l-Artikolu 13(2), (3) u (4), l-Artikolu 14(3) u l-Artikoli 15 sa 18 għandhom japplikaw għal dan il-Kapitolu.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

1. Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-isem u l-indirizz sħaħ tal-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti msemmija fl-Artikolu 2(1). Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra.

2. Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kull erba xhur b'każijiet li għalihom applikaw l-Artikolu 7(1), jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi msemmija, il-kwantitajiet involuti u l-miżuri li ttieħdu.

3. Fl-1 ta' Marzu u fl-1 ta' Settembru ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummisjoni n-numru ta' applikazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 11 jew 18, ir-raġunijiet, jekk ikunu magħrufa, għaliex ma ntbagħtitx lura l-kopja ta' kontroll T5, il-kwantitajiet konċernati u n-natura tad-dokumenti aċċettati bħala ekwivalenti.

Artikolu 26

Ir-Regolament (KEE) Nru 3002/92 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 27

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu

Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3002/92	(ĠU L 301, 17.10.1992, p. 17)
Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 75/93	(ĠU L 11, 19.1.1993, p. 5)
Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1938/93	(ĠU L 176, 20.7.1993, p. 12)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 770/96	(ĠU L 104, 27.4.1996, p. 13)

ANNESS II

Tabella ta' Korrelazzjoni

Regolament (KEE) Nru 3002/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1) u (2)	Artikolu 1(1) u (2)
Artikolu 1(3)	—
Artikolu 1(4)	Artikolu 1(3)
Artikolu 2(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafu	Artikolu 2(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafu
Artikolu 2(1), it-tielet subparagrafu	—
Artikolu 2(2), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu u l-ewwel u t-tieni inċiżi	Artikolu 2(2), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu, punt (a)
Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu, punt (b)
Artikolu 2(2), it-tielet subparagrafu	Artikolu 2(2), it-tielet subparagrafu
Artikolu 2(3), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 2(3), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 2(3), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 2(3), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 2(3), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 2(3), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu	Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu
Artikolu 2(4), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 2(4), l-ewwel subparagrafu
—	Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu
Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu	Artikolu 2(4), it-tielet subparagrafu
Artikolu 3(1)(a), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 3(1)(a), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 3(1)(a), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 3(1)(a), l-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż, kliem tal-bidu	Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, punt (c), kliem tal-bidu
Artikolu 3(1)(a), l-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż, l-ewwel subinċiż	Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, punt (c)(i)
Artikolu 3(1)(a), l-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż, it-tieni subinċiż	Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, punt (c)(ii)
Artikolu 3(1)(a), it-tieni subparagrafu	Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 3(1)(a), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 3(1)(a), it-tielet subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, punt (a)

Regolament (KEE) Nru 3002/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 3(1)(a), it-tielet subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, punt (b)
Artikolu 3(1)(a), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 3(1), ir-raba' subparagrafu
Artikolu 3(1)(b), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 3(1)(b), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 3(1)(b), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 3(1)(b), l-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż	Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu, punt (c)
Artikolu 3(1)(b), l-ewwel subparagrafu, ir-raba inċiż	Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu, punt (d)
Artikolu 3(1)(b), l-ewwel subparagrafu, il-ħames inċiż	Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu, punt (e)
Artikolu 3(1)(b), it-tieni subparagrafu	Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 3(1)(b), it-tielet subparagrafu	Artikolu 3(2), it-tielet subparagrafu
Artikolu 3(1)(c)	Artikolu 3(3)
Artikolu 3(1)(d)	Artikolu 3(4)
Artikolu 3(2)	Artikolu 3(5)
Artikolu 3(3)	Artikolu 3(6)
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5(1), parti tal-bidu	Artikolu 5(1), parti tal-bidu
Artikolu 5(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 5(1)(a)
Artikolu 5(1), it-tieni inċiż	Artikolu 5(1)(b)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, parti tal-bidu	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, parti tal-bidu
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (c)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, ir-raba' inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (d)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, il-ħames inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (e)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, is-sitt inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (f)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, is-seba' inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (g)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, it-tmien inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (h)
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, id-disa' inċiż	Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, punt (i)
Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 5a	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 9(1), l-ewwel subparagrafu

Regolament (KEE) Nru 3002/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 8(1), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu u l-ewwel u t-tieni inċiż	Artikolu 9(1), it-tielet subparagrafu
Artikolu 8(1), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 9(1), ir-raba' subparagrafu
Artikolu 8(2) u (3)	Artikolu 9(2) u (3)
Artikolu 9	Artikolu 10
Artikolu 10, kliem tal-bidu	Artikolu 11, kliem tal-bidu
Artikolu 10, l-ewwel inċiż	Artikolu 11(a)
Artikolu 10, it-tieni inċiż	Artikolu 11(b)
Artikolu 10, parti finali	Artikolu 11, parti finali
Artikolu 11	Artikolu 12
Artikolu 12(1)	Artikolu 13(1)
Artikolu 12(2), kliem tal-bidu	Artikolu 13(2), kliem tal-bidu
Artikolu 12(2), l-ewwel inċiż	Artikolu 13(2)(a)
Artikolu 12(2), it-tieni inċiż	Artikolu 13(2)(b)
Artikolu 12(3)	Artikolu 13(3)
Artikolu 12(4)	Artikolu 13(4)
Artikolu 13(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 13(1), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 14(1), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 13(1), it-tielet subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 14(1), it-tielet subparagrafu, punt (a)
Artikolu 13(1), it-tielet subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 14(1), it-tielet subparagrafu, punt (b)
Artikolu 13(1), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 14(1), ir-raba' subparagrafu
Artikolu 13(2)	Artikolu 14(2)
Artikolu 13(3)	Artikolu 14(3)
Artikolu 14(1) u (2)	Artikolu 15 (1) u (2)
Artikolu 14(3), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 15(3), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 14(3), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 15(3), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 14(3), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 15(3), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 14(3), it-tieni subparagrafu	Artikolu 15(3), it-tieni subparagrafu
Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 16(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, parti finali	Artikolu 16(1), it-tieni subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni inċiż	Artikolu 16(1), it-tieni subparagrafu, punti (a) u (b)
Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 16(1), it-tielet subparagrafu

Regolament (KEE) Nru 3002/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 15(1), it-tielet subparagrafu	Artikolu 16(1), ir-raba' subparagrafu
Artikolu 15(2), kliem tal-bidu	Artikolu 16(2), kliem tal-bidu
Artikolu 15(2)(a)	Artikolu 16(2)(a)
Artikolu 15(2)(b), parti tal-bidu	Artikolu 16(2)(b), parti tal-bidu
Artikolu 15(2)(b), l-ewwel inċiż	Artikolu 16(2)(b)(i)
Artikolu 15(2)(b), it-tieni inċiż	Artikolu 16(2)(b)(ii)
Artikolu 16(1), kliem tal-bidu	Artikolu 17(1), kliem tal-bidu
Artikolu 16(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 17(1)(a)
Artikolu 16(1), it-tieni inċiż	Artikolu 17(1)(b)
Artikolu 16(2)	Artikolu 17(2)
Artikolu 16(3)	Artikolu 17(3)
Artikolu 16(4)	Artikolu 17(4)
Artikolu 17	Artikolu 18
Artikolu 18	Artikolu 19
Artikolu 19	Artikolu 20
Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 21(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 20(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 21(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 20(1), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 21(1), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 20(1), it-tielet subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 21(1), it-tielet subparagrafu, punt (a)
Artikolu 20(1), it-tielet subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 21(1), it-tielet subparagrafu, punt (b)
Artikolu 20(1), it-tielet subparagrafu, it-tielet inċiż	Artikolu 21(1), it-tielet subparagrafu, punt (c)
Artikolu 20(1), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 21(1), ir-raba' subparagrafu
Artikolu 20(2)(a)	Artikolu 21(2), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 20(2)(b), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 21(2) it-tieni subparagrafu
Artikolu 20(2)(b), it-tieni subparagrafu	Artikolu 21(2) it-tielet subparagrafu
Artikolu 20(2)(b), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 21(2) ir-raba' subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 20(2)(b), it-tielet subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 21(2) ir-raba' subparagrafu, punt (a)
Artikolu 20(2)(b), it-tielet subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 21(2) ir-raba' subparagrafu, punt (b)
Artikolu 20(2)(b), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 21(2) il-ħames subparagrafu
Artikolu 20(3)(a)	Artikolu 21(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafu
Artikolu 20(3)(b), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 21(3) it-tielet subparagrafu
Artikolu 20(3)(b), it-tieni subparagrafu	Artikolu 21(3) ir-raba' subparagrafu

Regolament (KEE) Nru 3002/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 20(3)(b), it-tielet subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 21(3) il-ħames subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 20(3)(b), it-tielet subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 21(3) il-ħames subparagrafu, punt (a)
Artikolu 20(3)(b), it-tielet subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 21(3) il-ħames subparagrafu, punt (b)
Artikolu 20(3)(b), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 21(3), is-sitt subparagrafu
Artikolu 20(4)	Artikolu 21(4)
Artikolu 21(1), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 21(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 21(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 21(1), l-ewwel subparagrafu, kliem finali	Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu, kliem finali
Artikolu 21(1), it-tieni subparagrafu, kliem tal-bidu	Artikolu 22(1), it-tieni subparagrafu, kliem tal-bidu
Artikolu 21(1), it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 22(1), it-tieni subparagrafu, punt (a)
Artikolu 21(1), it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 22(1), it-tieni subparagrafu, punt (b)
Artikolu 21(1), it-tieni subparagrafu, kliem finali	Artikolu 22(1), it-tieni subparagrafu, kliem finali
Artikolu 21(2)	Artikolu 22(2)
Artikolu 21(3)	Artikolu 22(3)
Artikolu 22	Artikolu 23
Artikolu 23	Artikolu 24
Artikolu 24	Artikolu 25
Artikolu 25	—
—	Artikolu 26
Artikolu 26	Artikolu 27
—	Anness I
—	Anness II